# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 7/2019

9 ta' Mejju, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-6:15pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

7.1 Qarti tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ser tattendi għal laqgħa ftit tard.

7 .2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti taż-żewġ laqgħat preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

7.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi ref item 5.2.2 (planting scheme) il-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni għal ħitan tas-Sejjieh. Hija qalet illi l-Kunsill kien applika sabiex isiru l-ħitan tas-sejjieh madwar fejn kienu inżergħu s-siġar u flimkien mal-applikazzjoni tagħna konna aplikajna għal ħitan tas-sejjieh ta' tlett ibdiewa.

7.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 5.2.3 (sqaq Ħannux) huwa ma kienx reġa mar jittawwal l-isqaq. Is-Sindku qal li huwa kien tkellem mal-kuntrattur li kellu jsaqsi li min għamlilna d-disinn.

7.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref 5.2.6 irridu nniżżlu li ' il-Kunsill qabel'.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 5.45pm

7.2.4 Il-Kunsilliera is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx xtara l-qsari għal Sqaq Ħannux. Is-Sindku qal illi s'issa ma konniex għadna xtrajnihom.

7.2.5 Il-Viċi Sindku qal illi ref punt 5.2.6 (submersible pump Misrah San Gużepp) kien hemm żball għaliex il-meter huwa tad-dawl mhux tal-ilma.

7.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 5.4.1 (ħajt tas-sejjieħ Triq il-Karwija) kien kiteb il-brigadier li kien irrisponda lura.

7.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 5.3.7 (town twinning f'Santiago di Compostela) suppost kellna naghmlu rapport taż-żjara ta' meta morna Spanja. Is-Segretarju qalet li ma kellix ħin sabiex tagħmlu pero' kien qiegħed f' moħħha.

7.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 5.3.8 (walking bus) kinitx bdiet.

7.2.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi z-zebra crossing ref punt 5.3.8 (walking bus) konna għidna li ser tkun din ta' quddiem il-mużew tas-subien.Is-Sindku kkonferma illi kellha tintuża jew dik ta' quddiem is-sorijiet jew inkellha nagħmlu waħda quddiem il-kapillan, pero' ma tagħmilx sens illi ssir żebra crossing quddiem il-kapillan qabel ma nkunu ċerti li ser ssir din l-inizjattiva.

7.2.10 Il-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 5.4.2 (sleeping policemen fi Triq Carmelo Caruana) jekk dawn kinux dawk l-istrixxi bojod li kienu saru. Is-Sindku qal illi kien għamel talba sabiex dawn jitneħħew għaliex kellu ħafna lmenti. Il-Kunsill qabel li għandna nissugerixxu li jsiru crash barriers sabiex it-triq tkun sikura' għal min ikun miexi.

7.2.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa ref punt 5.4.7 (bank quddiem iċ-ċentru parrokjali) jekk kienx weħel il-bank. Is-Sindku qal li kien għad ghandhom wire li jrid isir restoration warajh. Cable u jrid jistaqsihom jekk itellifhomx ser niċċekjaw magħhom.

7.2.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ma ridx li joħloq problemi pero' l-metodu tar-restoration ta' Ġnien Sir Alexander Ball ma kienx qed jogħġbu. Huwa qal li hemm żewġ *school of thoughts* kif

għandu jsir ir-restawr. Saret diskussjoni fuq il-metodu tar-restoration minħabba li l-kuntrattur kien qiegħed juża' ġebel ġdid li kien qiegħed jistona mas-sit tal-Ġnien.

Is-Sur Carlo Stivala daħal għal laqgħa 6.15pm.

7.2.13 Is-Sindku qal illi ref punt 6.3 (restaw ta' Assi Artistiċi u Kulturali) flimkien mas-Segretarju tal-Gal Xlokk u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-kapillan. Huwa qal illi l-Kapillan kien qiegħed jissuġerixxi illi l-Koppla u l-lanterna tal-Knisja Parrokjali kienu l-aktar urġenti li jsir ir-restawr tagħhom. Il-Kapillan kien ser ikellem persuna sabiex jidentifika ix-xogħolijiet li għandhom isiru fuq l-istess sit u sabiex naraw jekk l-€10,000 Euro jkoprux il-proġett.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien tkellem mas-sid tad-dar li hemm fi Triq San Pawl fejn fadal l-aħħar niċċa li l-Kunsill ma jkunx rrestawra . Il-Kunsillier qal illi s-sid kien lest li jħalli l-Kunsill jagħmel ir-restawr tan-niċċa li hemm mal-istess dar. Il-Kunsill qabel illi jekk ikun possibli għandna naplikaw għaż-żewġ proġetti u hekk il-Kunsill ikun lesta n-niċeċ kollha li għandna fir-raħal ta' Ħal Safi.

7.2.14 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 6.4.6 (Triq il-Kuċċard) it-tieni strofa għandna jitneħħew l-kliem 'forsi sabiex jiġi' u hekk tiġi 'inħolqot problema kbira ta' parkeġġ u talbet sakemm jitkompla x-xogħol fi Triq il-Kuċċard'.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kienx għad hemm il-ħsieb li jinġabar l-ilma li jiġi minn School Street, Triq Dun Gużepp Caruana u Triq iż-Żurrieq fil-ġibjun li ser isir fi Triq il-Kuċċard. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-Kunsill kellu jressaq din it-talba sabiex meta tinqala' School Street ikun jista' jsir il-qlib neċessarju sabiex l-ilma jmur lejn Triq il-Kuċċard.

7.2.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 6.5.8 (bankina Triq Ħlantun) jidher li kien hemm żball għaliex il-Kunsill kien semma' Triq il-Kenn sabiex issir il-bankina f'din it-triq. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qabel fuq iż-żewġ toroq u li jekk ma jibqax flus sabiex issir Triq il-Kenn għandha tingħata priorita' għal-leġislatura li jmiss.

7.2.16 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi illi ref punt 6.4.7 (Triq is-Summien) qed jingħalaq l-acess ta' plot fejn ġo fih qed jiġi pparkjat bowser. Is-Sindku qal illi għandu jiltaqa' ma din il-persuna sabiex ikunu jistgħu jsiru l-linji sofor kif meħtieġ sabiex ma tkunx ostakultata din il-plot.

7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.3.1 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba sabiex fi sqaq San Mikiel issir tabella li tindika loading/unloading għal ħames minuti bħal dik li għandna fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill qabel fuq din it-tabella.

7.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-ħarġa għal Għawdex ser tkun posposta għal quddiem.

7.4.2 Il-Kunsilliera s-Sur Publio Abdilla qal illi fejn is-Salib tad-Dejma niżlet it-triq u għalhekk trabbiet ħofra. Is-Sindku qal li ser nibagħtu l-ħaddiem jaraw x'jista' jsir sabiex tintela' din il-ħofra.

7.4.3 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla staqsa jekk it-tisqija kinitx qiegħda ssir għaliex kultant jara li ċertu xtieli jkunu bil-għatx. Is-Sindku qal illi s'issa kienet qiegħda ssir it-tisqija darba fil-ġimgħa u li kien wasal iż-żmien sabiex it-tisqija ssir darbtejn fil-ġimgħa.

7.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi anki s-siġar li nżergħu fl'area ta' Gawhar għadhom ma qabdux sew u għandhom bżonn li jibdew jissaqqew darbtejn fil-ġimgħa. Huwa qal ukoll sabiex is-siġar nagħmlulhom il-konki sabiex l-ilma ma jintilifx.

7.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi Triq San Tumas għandha ħafna kantunieri u għalhekk jinħtieġ il-bżonn li nagħmlu xi mirja. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fejn għandhom jeħlu l-mirja.

7.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-isfel minn Ġnien ta' Ball fejn għadha kemm saret it-triq bit-tarmac jinħtieġu l-linji sabiex ikunu gwida għal min ikun isuq.Is-Sindku qal illi Infrastructure Malta li ħadu ħsieb ix-xogħol tat-tarmak kellhom il-ħsieb illi jagħmlu l-linji huma.

7.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi t-triq li tagħti għal Ħal Far kienu nqalgħu l-mirja qabel ma kienu bdew bix-xogħolijiet u li dawn għandha jerġgħu jerġgħ jeħlu. Is-Sindku qal illi l-mirja qiegħdin għand il-bdiewa stess u li l-Kunsill ser iqabbad il-ħaddiema tagħna sabiex jerġgħu jeħlu.

7.5 Rapportiż

Approvazzjoni tal-First Quarterly Financial Report 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ewwel Quarterly Financial Statements Q1 (Jannar – Marzu 2019. Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

7.6 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali Apparat għas-Sistema ta' Irrigazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiva qalet illi d-dipartiment kien ħareġ espressjoni ta' nteress għall-Iskema ta' Apparat għal sistemi ta' Irrigazzjoni. Hija qalet illi kien hemm lok sabiex naplikaw sa massimu ta' tlett postijiet skond il-preferenza tagħna. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel illi għandna naplikaw għal Ġnien ta' Ball.

7.7 Xiri ta' Airconditioner Ġdid għall-Uffiċju tal-Iskrivani.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-airconditioner fil-foyer kellu bżonn jinbidel għaliex kull sena qiegħdin nonfqu ħafna flus għal xejn. Il-Kunsill qabel illi għandna nixtru airconditioner ġdid.

7.8 Approvazzjoni tal-Pagament ta' Triq San Tumas

Is-Sindku qal illi l-kuntrattur issa kienet irranġat il-parti tan-nofs ta' Triq San Tumas, irranġatha bil-paver u kellna ċ-ċertifikazzjoni tal-perit illi issa t-triq ġiet sewwa. Is-Sindku qal ukoll illi wara x-

xita li għamlet bil-lejl filgħodu ma kien hemm xejn ilma fit-triq bħal ma kien hemm qabel. Il-Kunsill qabel li għandna nmexxu sabiex isir il-pagament għal Triq San Tumas.

7.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament

Johan Mula | Doris Baldacchino
Sindku | Segretarju Eżekuttiv